# LECTIO DIVINA

# IT-TRINITÀ QADDISA (B)

## Mt 28, 16-20

**Introduzzjoni**

L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa' biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, mħejji għal kull ħidma tajba

**V. 19 "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha ..."**

(Il-Vanġelu ta' Mattew: Vanġelu Lhudi)

Il-Vanġelu ta' Mattew:

- Juri interess partikolari fl-Iskrittura Lhudija (TQ tagħna). Mattew juża b'mod qawwi ħafna (xi kultant taħsbu qiegħed iġebbed l-affarijiet) it-TQ bħala xhud għall-persuna u l-missjoni kollha ta' Ġesù. Mattew, kważi b'mod drammatiku, jikkwota t-TQ għal dak li hu jqisu bħala profeziji ta' twettiq tat-TQ fil-persuna ta' Ġesù (1,22-23; 2,15-18)
- Huwa evanġelju etiku ħafna: jippreżenta lil Ġesù bħala Mosè l-ġdid li jagħti l-Liġi l-ġdida lill-poplu l-ġdid! Għandu ħames blokki ta' diskorsi ta' Ġesù għax Mosè huwa miżmum li kiteb l-ewwel ħames kotba tal-Bibbja, li jiffurmaw it-Torà. Mosè l-ġdid li juri kif għandhom jimxu d-dixxipli ta' Ġesù. Imma l-istil li juża Mattew għal dan huwa stil ta' narrativa~diskors bħalma kienu jużaw ir-Rabbini Lhud, imsejjaħ *ħalakàh* (mill-verb *ħalak* = timxi).
- Iqis li s-Sibt Lhudi għad għandu jiġi mħares mill-Insara (12,1-14; 24,20).
- Hu partikolarment interessat li jqiegħed ir-relazzjoni bejn Ġesù l-Messija u t-Torah (il-Liġi) (5,17-20) u li jikkonfronta l-awtorità tal-Iskribi u l-Fariżej bħala l-interpreti tat-Torah.
- It-temi prinċipali li jittratta (dawk li jagħżel li jinkludi minn Mark u Q; u kif jippreżentahom) bħas-Saltna tas-Sema, il-ġustizzja, il-perfezzjoni, u t-Titli Kristoloġiċi

li jinkludi (Bin David, Bin il-Bniedem, Bin Alla) kollha għandhom background Lhudi qawwi ħafna.

- Ma jara l-ebda bżonn li jispjega r-riti ta' purità Lhudija (15,2 // Mk 7,34) jew drawwiet oħra Lhud (23,5 – il-filatterji).
- Il-verżjoni tal-Missierna tiegħu hija espansjoni tal-Missierna f'Luqa permezz ta' żjidiet tipiċi minn talbiet oħra Lhud.
- Barra minn hekk: l-għan prinċipali tal-missjoni tal-Ġesù ta' Mattew kien Iżraël. "Taqbdux triq il-pagani, u tidħlux f'belt tas-Samaritani; imma qabel xejn morru fittxu n-ngħaġ mitlufa tad-dar ta' Iżrael" (10,5-6). Ġesù ta' Mattew jgħid bla tidwir: "Ma ġejtx mibgħut ħlief għan-ngħaġ li ntiflu mid-dar ta' Iżrael" (15,24). Mattew jagħraf l-awtorità tat-Torah (5,17-19) u ta' l-Iskribi u l-Fariżej bħala interpreti tagħha (23,20).

| **Minn banda** | **Min-naħa l-oħra** |
|---|---|
| Nafu li Mattew huwa l-Evanġelju Lhudi. Imma din il-karatteristika rridu nifhmuha tajjeb: | Imma Ġesù ta' Mattew hu wkoll saqajh ħafna fl-art! Iwissi lid-dixxipli b'suċċess limitat ħafna tal-missjoni tagħhom fost il-Lhud u saħansitra b'persekuzzjoni bħala r-riżultat ta' dik il-missjoni fost il-Lhud (5,10-12; 10,17.23; 23,34). Imma mbagħad il-climax tad-dehriet ta' Ġesù mqajjem mill-mewt huwa l-kmand tiegħu: "Morru għallmu lill-ġnus (*terminu ta' kuntrast qawwi mal-Lhud*) kollha" (28,19). |
| Mattew huwa l-Evanġelju Lhudi, miktub minn awtur frott ta' komunità Lhudija, għal komunità Lhudija. Imma rridu nifhmu tajjeb xi tfisser il-karatteristika "": mhux l-evanġelju razzista, jew esklussivista, għal-Lhud biss u mhux għal ħaddieħor. | |

**V. 18 "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art... u għammduhom fl-isem tal-Missier ..."**
(Xi jfisser tkun Lhudi)

Missier (dak li nissel, dak li ġġenera, dak li beda) il-poplu Lhudi huwa bla dubju Abraham:

- **L-ewwel ktieb** tal-Bibbja Lhudija:
  - Ġen 12,1-3 – "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik. U jien nagħmlek ġens kbir, inbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka. Jiena nbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek. U jitbierku bik it-tribujiet kollha ta' l-art".
  - Ġen 18,18 – "Għax Abraham għad ikun ġens kbir u qawwi, u bih jitbierku l-ġnus kollha ta' l-art".
  - Ġen 22,18 – "U jitbierku b'nislek il-ġnus kollha ta' l-art talli smajt minn kelmti".
- **It-2 Kron** huwa l-aħħar ktieb tal-Bibbja Lhudija. Fl-aħħar tiegħu nsibu ġrajja importanti ħafna għall-Poplu Lhudi … imma naħseb li l-Lhud kieku xtaqu li l-affarijiet kienu differenti!

  Il-Lhud kienu fl-Eżilju. Imma s-sultan Ċiru tal-Persja, immexxi minn Alla, jordna t-tluq tal-Lhud lejn Ġerusalemm, għal skop partikolari ħafna: "Dan jgħid Ċiru sultan tal-Persja: "Il-Mulej, Alla tas-sema, tani f'idejja s-saltniet kollha ta' l-art, u hu qabbadni nibnilu tempju f'Ġerusalemm, li hi f'Ġuda. Kull min minnkom hu mill-poplu tiegħu, ħa jkun il-Mulej miegħu, u jitla'."" (36,23)

  Li tkun Lhudi jfisser li inti magħżul biex fik isir minn kollox biex jitfaħħar Alla (*jinbena tempju*), jingħata l-post ta' Alla li hu (*hu ta s-setgħa lil Ċiru s-sultan: mela hu aqwa minn Ċiru, is-sultan qawwi tal-Persja*), u jitqies anke minn dawk li ma jemmnux fih, bħala Alla uniku (*lilu jinbena t-tempju*). Tkun Lhudi jfisser li int strument/poplu li fih jingħaraf Alla wieħed, li hu preżenti fost il-poplu tiegħu.

  Bħalma fl-aħħar tal-evanġelju ta' Mattew insibu xi ħaġa parallela ħafna ma' dak li bih jispiċċa Kronaki: "*Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien*" (28,18-20).

  Fil-fatt dan hu li kien Abraham għall-Poplu Lhudi: Ġw 8,39-53: "*Missierna hu Abraham ... Kieku kontu wlied Abraham, kontu tagħmlu bħalma għamel Abraham ... Li kieku Alla kien missierkom, lili kontu tħobbuni, għax jien ħriġt u ġejt mingħand Alla. Għax jien ma ġejtx minn rajja, imma kien hu li bgħatni*"

  Rum 4,16-19 – *Għalhekk il-wegħda hi marbuta mal-fidi, biex tkun mogħtija bħala grazzja, u hekk tibqa' sħiħa għal uliedu kollha, u mhux biss għal dawk li jgħixu bil-Liġi,*

*imma wkoll dawk li jgħixu bil-fidi ta' Abraham – il-missier tagħna lkoll ... u ma naqasx fil-fidi tiegħu"*

Abraham hu missier il-Lhud bħala dak li nissilhom fil-fidi f'Alla wieħed.

Nafu li ma hemmx missier mingħajr ulied, u m'hemmx ulied mingħajr missier. Jekk hu nissilhom fil-fidi – dik hi l-karatteristika propja tagħhom ... LI JNISSLU OĦRAJN FIL-FIDI F'ALLA ... BĦAL MISSIERHOM ABRAHAM.

LHUDI JFISSER:

TKUN DAK LI INT *GĦAL*

TKUN DIFFERENTI *GĦAL*

TKUN DIFFERENTI BIEX TKUN TA' ISPIRAZZJONI

Int Lhudi għall-ġnus kollha!

Meta l-Knisja għarfet din il-karatteristika tagħha tal-Poplu l-ġdid, ma baqgħetx marbuta ma' dak li jagħmel il-Ġudajiżmu (ir-reliġjon tal-Poplu Lhudi) fl-aspetti etniċi, razzjali tiegħu ... u marret aktar 'il bogħod minn hekk. Għal Ġuda sabet sostitut (Atti 1,21-26); għal Ġakbu le (12,1-2)! Issa saret il-Knisja, il-Poplu ta' Alla supranazzjonali! Allura issa ma jimpurtax li l-Appostli ma baqgħux it-Tnax, fuq il-mudell Lhudi tat-Tnax-il Tribù, imma xorta setgħu jwettqu l-missjoni li tahom Ġesù li jkunu Lhud GĦALL-popli kollha.

Fil-fatt: «Morru, mela, għallmu lill-ġnus kollha».

**V. 16 Il-ħdax –il dixxiplu telqu lejn il-Galilija**

(Diġa mhux lejn Ġerusalemm imma lejn il-Galilija, il-pajjiż tat-taħlit ta' reliġjonijiet, ideat u stili ta' ħajja). Mhux lejn Ġerusalemm, minn fejn juri li telqu Luqa (komunità nisranija-pagana li għandha għeruqha fir-reliġjon Lhudija)! Issa l-Galilija kien ir-reġjun fit-Tramuntana tal-Palestina, reġjun imdawwar mill-Baħar Mediterran minn naħa, u jmiss mal-Lebanon jew il-Feniċja min-naħa l-oħra, il-Baħar ta' Tiberija, ir-reġjun tad-Dekapoli (grupp ta' 10 ibliet pagani) u s-Samarija. Allura immaġina x'taħlit ta' reliġjonijiet, ideat, stili ta' ħajja kien hemm. Allura l-Galilija ma kinitx meqjusa bħala xi mudell ta' reġjun fejn għandhom joqogħdu l-Lhud, minħabba t-taħlit. Imma Ġesù ma jagħtix il-missjoni lill-Ħdax li jmorru jxandru l-Evanġelju u l-messaġġ tiegħu f'Ġerusalemm, il-Belt li tirrappreżenta lill-Poplu Lhudi, imma mir-reġjun tat-taħlit, tat-tlaqqigħ ta' popli, reliġjonijiet, drawwiet, filosofiji u kulturi differenti. Kien

qiegħed jgħidilhom Ġesù: l-Evanġelju u l-messaġġ tiegħi hu għal kulħadd, mhux iżjed għal-Lhud biss. Allura mill-Galilija. Issa l-Galilija, ir-reġjun aktar universalistiku, isir iċ-ċentru tal-missjoni tal-Knisja.

| V. 17 | |
|---|---|
| **"Kif rawh inxteħtu quddiemu ..."** | **"... għalkemm xi wħud iddubitaw."** |
| Il-maġi (Ara Mt 2, 11) u xi wħud mid-dixxipli. | Xi wħud oħrajn mid-dixxipli. |

"Inxteħtu quddiemu" huwa verb li Mattew u l-evanġelisti l-oħrajn jirriservaw għall-adorazzjoni lejn xi ħadd. *prosekunēsan* huwa verb li ġej mill-kelma għal "tinxteħet fuq it-trab quddiem" xi ħadd; tqis lilek innifsek trab quddiemu. Hekk ukoll jagħmlu l-Maġi fil-bidu ta' Mattew. Imma dan joħloq kuntrast qawwi bejn il-Maġi pagani u d-dubju ta' xi wħud mill-Ħdax: «imma xi wħud iddubitaw». Mela l-pagani jqimu lil Ġesù għadu tarbija bħala Alla (għax l-adorazzjoni ssir lil Alla) u xi wħud mill-Ħdax jiddubitaw (*edistasan > di-stazō = żewġ qagħdiet, żewġ ideat; dubju*)

**V. 18 Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art. Morru, mela...**

Il-kmand li jagħti Ġesù lill-Ħdax li jgħallmu u jgħammdu lill-ġnus kollha huwa konsegwenza tal-fatt li hu ġie mogħti kull setgħa fis-sema u fl-art. Għandu s-setgħa jorbot is-sema u l-art; għandu s-setgħa li jkun kmand fuq iż-żewġ rejaltajiet. U din is-setgħa jużaha billi jaqsam is-setgħa tiegħu mal-Ħdax biex huma, min-naħa tagħhom, jorbtu l-bnedmin (tal-art) ma' Alla (il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu) li hu fis-sema.

Dak li ordna Ġesù huwa dejjem intenzjonat li jagħmel lill-bnedmin aktar sħaħ. Il-ħsieb ta' Alla huwa dejjem li jifdi, isaħħaħ lill-bniedem kollu kemm hu. Billi l-bniedem hu spirtu u ġisem wieħed, allura jagħmilhom sħaħ f'dak is-sens. Alla jrid li l-bniedem sħiħ isalva. Għal darba oħra: "Sanctity is sanity" u "Sanity is sanctity"; "Holiness is wholeness" u "Wholeness is holiness".

**V. 20 Jiena magħkom sa l-aħħar taż-żmien**

Mela hu se jibqa' jaħdem magħhom. Minkejja li l-Knisja, fl-ogħla rappreżentanti tagħha, hija magħmula min-nies umani, dgħajfa wkoll, anzi jiddubitaw ukoll f'dak li suppost huwa l-kollox tagħhom, imma din il-Knisja (misteru u umana fl-istess ħin) għandha lil Ġesù magħha ħaġa waħda. Fil-fatt jgħid Ġesù: jien se nibqa' naħdem fikom u permezz tagħkom. Kif Mattew beda b'Ġesù bħala Għimmanu-El, issa jispiċċa b'Ġesù li se jibqa' mal-Ħdax! Għax kull setgħa ġiet mogħtija lilu imma hu jaqsam dik l-istess setgħa ma' dawk li hu għażel.

Id-dixxipli huma s-sinjal li Alla hu mal-bniedem! Id-dixxipli jieħdu l-post tat-tempju ta' żmien Ċiru. Id-dixxipli jagħmluha possibbli li Alla jkun mal-bniedem.

Imma dan isir permezz ta' missjoni partikolari tad-dixxipli:

1) il-predikazzjoni lill-ġnus ... fil-ħajja: *poreuthentes mathēteusate* = waqt li intom "mexjin" + għallmuhom iħarsu dak li ordnajtilkom jien ... = bil-mod kif iġġibu ruħkom fil-ħajja ta' kuljum. Intom turu kif jimxi Alla bil-passi tal-bniedem.
2) Is-sagramenti: bl-ewlieni l-magħmudija. Hu l-bieb tas-sagramenti l-oħra. Katekeżi tas-sagramenti.
3) F'isem it-Trinità għax il-komunjoni bejn il-Persuni tat-Trinità turi lill-bniedem kif għandu jġib ruħu.

L-ordni li jagħti Ġesù lill-appostli hu ordni ta' mġieba li tixhed għall-preżenza ta' Alla fost il-bnedmin. Hija xhieda tal-appostli bbażata fuq il-komunjoni tat-Trinità. Jekk aħna mibgħuta minn Ġesù biex inkunu strumenti tal-Preżenza ta' Alla, jiddependi ħafna fuq ix-xhieda tagħna: nistgħu naħbuha u ngħattuha l-Preżenza ta' Alla. Responsabiltà kbira imma li turi wkoll fiduċja enormi min-naħa ta' Alla.

**Meditatio**

- Fis-sejħa għall-qdusija, fis-sejħa tan-nisrani, kif jien differenti mill-Papa, mill-isqof, mis-saċerdoti, mir-reliġjużi, mill-insara li għaddejjin mill-persekuzzjoni ....?
- Veru li Ġesù, illum, għadu jaħdem għas-salvazzjoni tad-dinja? Veru li għadu jaħdem fil-poplu l-ġdid ta' Alla, il-Knisja?
- Veru li għadu jaħdem fija? Kif?

**Oratio**

Mistoqsija: x'se ngħid/u lil Alla wara li kellimni/a permezz ta' dan it-test?